MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Numru 900/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**VS**

**ANTHONY ATTARD.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Attard, ta’ 49 sena, iben Joseph u Carmela mitwielda Mangion, imwieled Santa Venera fid-9 ta’ Ottubru 1952 u joqghod 20 Triq Barth, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 0750252 M;

Talli fis-7 ta' Frar, 2002, u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond numru 176, Misrah il-Barrieri, Sta. Venera jew bhala l-persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Ikkommetta serq ta' ilma li jammonta ghal izjed minn mitt lira maltin (Lm100) u anqas minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-ilma, liema serq huwwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

U aktar talli ghamel hsara jew kisser parti mil-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provvista tal-ilma jew is-sigilli taghhom.

Wara illi rat l-Artikolu 261et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Anthony Attard hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tillibera lill-istess imputat, bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar mil-lum (18) a tenur tal-Artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti, qeghda wkoll, tordna illi l-imputat ihallas l-ammont ta’ mija u hamsin lira maltin (Lm150) lill-Korporazzjoni ta’ l-Ilma, fiz-zmien xahar mil-lum, kif ukoll ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti, a tenur ta’ l-artikolu 533.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------